MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2009

Numru. 832/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Raymond Cassar]**
**[Spettur Jeffrey Cilia]**

**vs**

**Jesmond Cassar**

Kumpilazzjoni Numru: 832/2009

**Illum, 13 ta' Awissu, 2009**

Il-Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Jesmond Cassar ta' 34 sena, iben Emanuel u Mary Anne nee' Veneziani, imwieled fis-7 t'Ottubru 1974 fil-Pieta', detentur ta' karta

tal-identita Maltija bin-numru 509274M u residenti fil-fond Coral Court, Flat 6, Triq San Gorg, San Pawl il-Bahar.

Talli :

1) Fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 t'Awwissu 2009 ghall-habta tas-siegha ta' filghodu, fi Triq il-Kileb, fl-Imqabba, volontarjament ta in-nar lil materjal li jaqbad, fejn dan il- materjal kien qieghed b'mod li jista' jqabad il-hruq lil bini iehor , gharix jew lok iehor , fejn f'dak il-waqt hemm gewwa kien hemm xi persuna u dan bi ksur t'artikolu 317(b) ta' Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta;

2) u aktar talli fl-istess lejl, hin post u cirkostanzi, volontarjament hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe vettura tat-tip Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni BBJ772 ghad-dannu ta' Yvonne Farrugia,liema hsara hija aktar minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) u dan bi ksur t'artikolu 325(1)(a) ta' Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni ta' ligi , u jkunu gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda u cioe':

3) talli fis-7 ta' Jannar 2009 bejn it-tmienja u kwart ta' filghodu u t-tlieta ta' wara nofs inhar, ikkommetta serq mill-fond numru 3 sitwat f'St James Court, Triq is-Sienja f'Attard ghad-dannu ta' Roberta Ellul u/jew persuni ohra liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2392.37) u bil-lok, u dan bi ksur t'artikolu 261, 278(3), 279(a), 281 ta' Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta;

4) u talli fl-4 ta' Frar 2009 bejn it-tmienja u nofs ta' filghodu u s-sitta ta' wara nofs inhar, ikkommetta serq mill-fond numru 31/3 sitwat f'Sunrose Flats, Triq Mile End fil-Hamrun ghad-dannu ta' Michael Zahra u/jew persuni ohra liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccediex l-

elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2392.37) u bil-lok, u dan bi ksur t'artikolu 261, 278(3), 279(a), 281 ta' Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta;

5) u talli fil-11 ta' Frar 2009 bejn tad-disgha u nofs u l-hdax ta' filghodu, ikkommetta serq mill-fond Zamzarell sitwat fi Triq George Hyzler f' Attard ghad-dannu ta' Mark Borg u/jew persuni ohra liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2392.37) u bil-lok, u dan bi ksur t'artikolu 261, 278(3), 279(a), 281 ta' Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta;

6) u talli fid-19 ta' Frar 2009 bejn tas-sebgha u nofs ta' filghodu u t-tlieta u nofs ta wara nofs inhar , ikkommetta serq mill-fond Agape sitwat fi Triq B.Bontadini f' B'kara ghad-dannu ta' Patrick Vella u/jew persuni ohra liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2392.37) u bil-lok, u dan bi ksur t'artikolu 261, 278(3), 279(a), 281 ta' Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta;

7) u talli fis-26 ta' Frar 2009 bejn l-ghaxra neqsin kwart ta' filghodu u n-nofs siegha ta' wara nofs inhar , ikkommetta serq mill-fond Carmati Lodge sitwat fi Triq Daniel Sammut f'hal-Lija ghad-dannu ta' Monique Pule' u/jew persuni ohra liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2392.37) u bil-lok, u dan bi ksur t'artikolu 261, 278(3), 279(a), 281 ta' Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta;

8) u talli fit-3 ta' Marzu 2009 bejn is-sebgha u kwart ta' filghodu u t-tlieta u kwart ta' wara nofs inhar , ikkommetta serq mill-fond Little Star sitwat fi Triq il-Ferrovija f' Santa Venera ghad-dannu ta' Christine Camilleri u/jew persuni ohra liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma

jeccediex l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2392.37) u bil-lok, u dan bi ksur t'artikolu 261, 278(3), 279(a), 281 ta' Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta;

9) u talli fl-10 ta' Marzu 2009 ghall-habta tal-hdax ta' filghodu, ikkommetta serq mill-fond Joe Kate sitwat fi Triq il- Fuhhar l-Ahmar f'l-Imgarr ghad-dannu ta' Giiseppe Sant u/jew persuni ohra liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2392.37) u bil-lok, u dan bi ksur t'artikolu 261, 278(3), 279(a), 281 ta' Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta;

10) u aktar talli bejn is-7 ta' Jannar 2009 u l-10 ta' Marzu 2009 fil-fondi hawn fuq imsemmija volontarjament hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' diversi persuni, liema hsara hija aktar minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) u dan bi ksur t'artikolu 325(1)(a) ta' Kap 9 ta' Ligijieta' Malta;

11) u aktar tallli ikkommetta reat waqt l-operat ta' sentenzi sospizi b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr.Saviour Demicoli LL.D fis-16 t'April 2009, liema sentenza saret definittivi u ma tistax tigi mibdula u dan bi ksur ta' artikolu 28B ta' Kap 9 ta' Ligijietta' Malta;

12) u aktar talli sar ricediv ai termini ta' artikoli 49 u 50 ta' Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula;

13) u aktar talli fil-11 t'Awwissu 2009 u fil-gimghat ta' qabel f'hinijiet differenti, f' dawn il-Gzejjer, saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CAM 541 minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta' dwar riskju ta' terzi persuni 15(1)(a) ta' Kap 65 ta' Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 18, 28B, 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 317(b) u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma fit-13 ta' Awissu 2009 meta l-ufficjal prosekutur iddikjara li t-tieni imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Rat li waqt dik l-istess udjenza mizmuma minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijet kollha migjuba kontra tieghu hlief ghat-tieni wahda, u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi t-tieni imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li giet ammessa mill-imputat; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra kollha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha in-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu li hija wahda refrettarja u li minnha jidher li minkejja ghad kbir ta' kundanni l-imputat m'gharafx jirriabilita ruhu. Min-naha l-ohra l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija f'din l-investigazzjoni u l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, u wara li rat l-artikoli 18, 28B, 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 317(b) u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra

kollha u taghhom tikkundannah erbgha (4) snin prigunerija. In oltre l-Qorti b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28B ta'l-istess Kapitolu 9 qed idahhal fis-sehh is-sentenza sospieza tas-16 ta' April 2009 li permezz taghha l-imputat gie ikkundannat tlett (3) xhur prigunerija b'mod li issa dawn gew rezi effettivi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------